# SJAF Magazine

***SJA FOUNDATION***
Ċentru Antida
51, Tarxien Road
Tarxien TXN1090
Reception Desk Tel. 2767 2367/21808981
Email: miriam.sjaf@gmail.com

**VO/0005/4th Mav 2008**

***a monthly e- magazine – Issue No.32, March 2010***

# Qed Nerġa' Nsib Triqti - esperjenza personali

Kelli 45 sena, miżżewweġ b'uliedi kibru ġmielhom. Raġel tal-familja. Impieg tajjeb u ħajja kuntenta. Vizzjijiet ma kellix u kelli ċirku żgħir ta' ħbieb li ftit issib bħalhom. Kont kuntent.

Bħal leħħa ta' berqa ġiet fuqi traġedja familjari. Tlift dak kollu li kelli għażiż – il-ħajja familjari, id-dar, il-kelb u saħansitra l-impieg li tant kont inħobb. Il-ħbieb tlifthom ukoll għax bdew iħossuhom skomdi miegħi, u jien magħhom. Id-dinja għalija waqqfet iddur. Sibt ruħi waħdi ġo appartament kiesaħ u bla ħajja, f'raħal li ma nafux.

Jien u ħsibijieti … fid-dlam u s-skiet. Kontinwament nistaqsi – għaliex? Elf mistoqsija imma bla ebda tweġiba. Fejn mort ħażin? X'għamilt ħażin? Għaliex ħaqqni dan kollu? X'sar minnu dak ir-raġel li darba kont? Fejn hu Alla meta l-aktar li jkollok bżonnu?

Ridt il-wens. Imma fejn? Għamilt ħbieb ġodda. Bdejt stil ta' ħajja ġdida. Noħroġ kull filgħaxija. Imma ma tantx domt hekk. Din ma kenitx il-ħajja li ridt. Sibt ruħi ġo dinja li ma nafhiex. Dħalt f'relazzjoni mill-ġdid li damitx wisq. Il-ferita kienet għadha wisq miftuħa u kont għadni wisq marbut mal-passat. Passat li tant ridtu jiġi lura… Passat li ma stajtx ninsieh. Erġajt spiċċajt waħdi ma ħsibijieti li dejjem ifaqqsu.



Din x'ħajja hi? Moħħi beda jhewden. Intemm ħajti u nistrieħ.
Iva hekk nagħmel. Imma kif? Immur naqbeż? Nibla l-pilloli?
Naqta' vina? Jew nispara għal rasi? Stonku m'għandix.
Triq oħra magħluqa.

Tul dawk il-ftit xhur għamilt ħabib ġdid. Ħabib kwiet u baħbuħ li nsibu meta rrid, lejl u nhar. Bil mod il-mod sirna ħbieb sew. Saħansitra daħal jgħix miegħi. Ħabib li kien inessini d-dwejjaq ta' ħsibijieti. Bdejt ngħix għaliħ. Ħabibi x-xorb sar ħajti.

*Cont.pg 2*

*KONTENUT*

Esperjenza Personali....................................................1/2
Il-Faqar/Statistics......................................................3
Aħbarijiet ..................................................................4
Friendship Group......................................................4
Laqgħa Annwali Grupp GRUFAN................................5
Tifkiriet tal-Imgħoddi – Grupp Wens........................6
Grupp Ħbieb Santa Giovanna Antida........................6
Rokna Poeżija............................................................7
Klabb NannaKola.......................................................8/9
Friendship Group ....................................................10
Politika Nazzjonali taż-Żgħażagħ.............................10
Servizzi – SJAF..........................................................10

*"God's language is silence"*
*- Thomas Keating*

Għal xhur sħaħ kont nixrob lejl u nhar. Mhux għax kont inħobbu. Imma għax kont irrid l-effett tiegħu. Sar mediċina għax kien inessini d-dwejjaq. Aktar ma nixrob aktar irridu. Bħal droga. Hekk kif jispiċċa l-effett tiegħu dlonk nerġa' nixrob biex inħossni tajjeb, imqar jekk naf li għal ftit ħin biss. Wara mmur norqod u nqum imdamdam. Allura nixrob aktar biex naħrab mid-damdim. Nixrob bil-lejl, bi nhar, id-dar, ix-xogħol u anke fil-karozza. Rikibni u ma stajtx nieqaf. Ma ridtx nieqaf.

Traskurajt kollox. Xagħar twil u maħmuġ, leħja ta' xhur sħaħ u l-banju biex iżejjen biss kien qiegħed hemm.

Kien il-Ħadd filgħodu. Taħbita fuq il-bieb. Kienet ħaddiema mis-St Jean Antide Foundation. Rajtha dimonju. Kont f'sakra ma narax art. Niftakar biss li ħarġuni mid-dar u ma nafx kif spiċċajt ġo kamra żgħira, vojta minn kollox ħlief għal sodda. Irqadt fit-tul. Hawn fejn qiegħed? Il-bieb ma kienx imsakkar. Il-ħabs ma kontx. Ħriġt bil-mod. Rajt xi nies jippassiġġaw fil-kuritur. Minn x'imkien tfaċċa ġuvnott bl-uniformi ta' nurse. Staqsejtu fejn qiegħed. Qalli l-isptar Mount Carmel.

Ħadt xokk. Hawn x'qed nagħmel? Mela jien miġnun? In-nurse ħadni fl-uffiċċju u bi ħlewwa kbira spjegali kollox. B'kuraġġ kbir, il-ħaddiema tal-Fondazzjoni kienet daħlitna l-isptar Mount Carmeli, involontarjament, għall-kura. Imma għaliex l-isptar Mount Carmel?



Bil-mod il-mod in-nurses saru ħbieb li magħhom kont niftaħ qalbi. Dejjem lesti jisimgħu d-dwejjaq tiegħi u bl-esperjenza tagħhom joffru wens, kuraġġ u għajnuna. Għamluli arranġamenti ma' l-aġenzija SEDQA u bdejt nara terapista. Bdejt nirrejalizza x'għamilt b'idejja. Kemm ħsara fiżika u psikoloġika għamilt lili nnifsi. Indunajt li Mount Carmel mhux għall-imġienen qiegħed imma għal min tfarrak mentalment u jixtieq jerġa' jqum fuq saqajh permezz ta' kura. Hemm ġew bdilt kull fehma li kelli dwaru.

Wara ftit ġimgħat, it-team mediku tiegħi ddeċieda li jien lest biex nerġa' mmur lura fis-soċjetà. Iż-żmien li għamilt l-isptar użajtu biex nirrifletti fuqi nnifsi u fuq il-kumplament ta' ħajti. Ħriġt mill-isptar biex nerġa' nibda ngħix ħajja ġdida. Ħajja mingħajr alkoħol.

It-triq biex insewwi l-ħsara hija twila u iebsa. Il-pass kuraġġuż li ħadet il-ħaddiema tal-Fondazzjoni kien biss il-bidu. Issa, bl-għajnuna tat-terapista ta' SEDQA, erġajt bdejt ngħix. Ngħix mhux biex nixrob u ninsa. Imma ngħix bi skop. Il-passat ma nistax inġibu lura. Il-ħajja trid tkompli. Naf li nista' ngħix ħajja dinjituża permezz ta' l-għajnuna li sibt u bil-kuraġġ li għamluli l-familjari, speċjalment it-tfal li ma qatgħux qalbhom minni. Ma nistax ma nsemmix is-support enormi li sibt, u għadni qed insib, mingħand min iħaddimni. Għalkemm tlift il-pożizzjoni li kelli qabel, sabli post ieħor sakemm nistejqer u jagħtini l-ħin tax-xogħol biex nattendi laqgħat mat-terapista u group meetings.

Illum nista' ngħid li l-alkoħol m'għadux ħabib tiegħi. Fil-verità qatt ma kien. Għamilni skjav tiegħu u kien ser jeqridni li kieku ma twaqqaftx fil-ħin. Mumenti ta' dwejjaq għadhom jiġu. Imma issa naf li hemm soluzzjoni oħra biex inderri. Issa naf li l-alkoħol ikissrek u jmarrdek tant li jġibek f'sura agħar minn dik t'annimal.

Dan huwa messaġġ ta' kuraġġ. L-għajnuna hemm qiegħda. Hemm barra hemm nies bħal ħaddiema tas-St Jeanne Antide Foundation u l-aġenzija SEDQA u ħafna oħrajn li b'dedikazzjoni kbira u mingħajr interessi jaħdmu fis-silenzju biex nies li, bħali, jsibu ruħhom f'sitwazjonijiet diffiċli nerġgħu naqbdu t-triq.

---

*B'dedikazzjoni għall-memorja ta' ħabib li ma sabx it-triq u tilef il-battalja mal-problemi tal-ħajja.*

## Attivitajiet dwar il-Faqar

Is-St Jeanne Antide Foundation għamlet preżentazzjonijiet dwar il-faqar kif ġej:

| | |
|---|---|
| 17 ta' Marzu 2010: | Working with Poor Persons at Community Level. Session għall-istudenti u lecturers tal-Università organizzata miċ-Chaplaincy. |
| 13 ta' Jannar 2010: | Ir-Realtà tal-Faqar f'Malta – x'qed isir f'xi parroċċi biex inwieġbu għall-isfidi tal-lum. Preżentazzjoni waqt Live-In għall-Kappillani fis-Seminarju, Tal-Virtu, ir-Rabat. |
| 11 ta' Jannar 2010: | Shut Out - reaching out to socially excluded poor youths at community level. Workshop waqt PDP Seminar organizzat għas-6th Formers mill-Kulleġġ St Aloysius. Paradise Bay Resort Hotel, Ċirkewwa. |
| 12 ta' Diċembru: | Community Outreach targeting socially excluded youth. Plenery session waqt Seminar nazzjonali għal Youth Workers u Youth Leaders bit-tema *Comfortably Numb- stirring action against poverty and social exclusion* organizzat mill-istudenti tal-Masters in Youth & Community Studies għall-European Union Programme Agency (EUPA), Mount St Joseph, Tarġa Gap. |
| 24 t'Ottubru 2009: | Workshop bit-tema: Stand Up Against Poverty in Everyday Life waqt Youth Forum nazzjonali fuq il-ġlieda kontra l-faqar organizzat mill-Kummissjoni Djaoċżana Żgħażagħ (KDŻ). |

## SOCIAL WORK & COUNSELLING SERVICE

Referrals between January and March 2010: 41

Type of presenting problem:
22: Chronic ill-health (of which 16 - mental health problems)
5: Family problems
4: Disability and lack of diagnosis
4: Financial problems, including unemployment
4: Low basic skills
1: Youth-at-risk
1: Adoption



# Aħbarijiet mill-Fondazzjoni

**1 ta' Marzu:**
Il-Fondazzjoni tibda toffri servizz ta' Social Worker lill-Malta Community Chest Fund wara sejħa għall-espressjoni ta' interess.

**2 ta' Marzu**:
Sr Rose Rizzo u Frida Mangion jattendu Seminar organizzat mill-Università dwar Dyslexia, Drama u Self-esteem fiċ-Chapel tal-Università.

**3 ta' Marzu**:
- Irċevejna 5 kompjuters pentium 4 rikondjizzjonati mingħand il-Malta Communications Authority.
- Laqgħa maċ-Ċermen u Direttur tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Diżabilità.
- Laqgħa ta' taħriġ mis-Cyber Crime Unit tal-Korp tal-Pulizija għal ħaddiema u żgħażagħ tal-Programm Bridge tal-Fondazzjoni.

**4 ta' Marzu**:
- Pauline Agius u Vivien Cassar iżuru l-Cospicua Day Centre (Mental Health) biex jaraw x'tipi ta' attivitajiet ta' occupational therapy jsiru ma' dawk il-persuni li jiffrekwentaw iċ-Ċentru.
- Ruth, Frida, Kim u Nora jattendu kors ta' sagħtejn fil-ġimgħa bit-tema *Ħabs, Riforma* immexxi minn Fr Mark Montebello u organizzat mill-għaqda Mid-Dlam Għad-Dawl.
- Ruth, Kim, Frida u Nora jibdew jattendu kors ta' sagħtejn fil-ġimgħa fur *is-Saħħa Mentali* organizzat mill-Mental Health Association, Malta.
- Ikompli kull nhar ta' Ħamis bejn it-3.30 u l-4.00 ta' wara nofsinhar il-programm fuq Radju Marija bl-isem *Lejn Ħajja Mimlija* imtella' mill-Provinċja tas-Sorijiet tal-Karità id f'id mal-Fondazzjoni. Matul Marzi, il-programm qed jiffoka fuq is-servizzi tal-Fondazzjoni.

**8 ta' Marzu**:
- Laqgħa mal-Kappillan tal-Parroċċa ta' Fleur-de-Lys u ma' membri tal-Kummissjoni Djakonija sabiex nippjanaw flimkien l-outreach f'żoni tal-housing ħalli nxerrdu l-kelma u nħajru nanniet jieħdu sehem fi Klabb NannaKola li se jinbeda fil-parroċċa f'April.

**10 ta' Marzu**:
- Laqgħa ma' Josephine Cilia mill-Parroċċa ta' M'Scala dwar metodi ta' kif jista' jinbeda fil-parroċċa, servizz ta' appoġġ fit-tagħlim għal tfal li jeħtieġuh.

**11 ta' Marzu**:
- Programm ta' siegħa fuq ir-radju RTK mtella' minn Leonard Zerafa bl-isem ta' Impenn, Ħidma u Servizz fil-Volontarjat.

**12 ta' Marzu**:
- Sr Salvina, Ruth u Nora ħadu sehem f'konferenza internazzjonali ta' tliet ijiem fuq ir-relazzjonijiet bejn koppji u fil-familja organizzat mill-International Commission for Couple and Family Relationships bi sħab mal-Moviment ta' Kana. Vivien Cassar għamlet preżentazzjoni bl-użu ta' poster kbir li tħejja għal din l-okkażjoni dwar kif il-Fondazzjoni tiffoka fuq familji vulnerabbli permezz tas-servizzi li toffri.

**13 ta' Marzu**:
- Fil-Magazine CHILD li joħroġ mal-gazzetta The Times, ħareġ artiklu miktub mill-ġurnalista Marika Azzopardi dwar l-inizjattiva tal-fondazzjoni tal-Klabbs NannaKola.

**17 ta' Marzu**:
- Session filgħaxija immexxija mill-Fondazzjoni dwar Il-Faqar u xi jsir fuq livell lokali mill-fondazzjoni organizzata miċ-Chaplaincy ta' l-Università għall-istudenti u lecturers.

**18 Ta' Marzu**:
- Ruth u Nora jżuru Dar Nazareth fiż-Żejtun u jiltaqgħu mal-Fundatur Dun Anġ Seychell.

**22 ta' Marzu**:
- 3 membri ta- Maltese Mentoring Society jibdew joffru appoġġ ta' mentoring lil 3 żgħażagħ mill-programm Bridge.
- Ruth u Nora jżuru Dar Frate Jacoba tal-Youth Alive Foundation. Dar Frate Jacoba tinsab fil-qalba tal-għelieqi ġewwa M'Scala u titmexxa minn żewġ patrijiet Franġiskani żagħżugħa.

**25, 26, 27, u 28 ta' Marzu:**
**-** Live-In ta' erbat ijiem għal 12-il żgħażagħ mill-programm Bridge. Grazzi lis-Sorijiet tal-Karità li tawna l-użu mingħajr ħlas ta' dar ħdejn il-baħar li wesgħet lill-grupp kollu.

**30 ta' Marzu:**
Preżentazzjoni dwar il-ħidma tal-Fondazzjoni lil Service Area Leaders tal-Agenzija Appoġġ.

----

**Siltiet minn diskors tal-Eċċellenza Tiegħu l-Arcisqof Pawlu Cremona waqt il-laqgħa ġenerali annwali tal-GRUFAN (Gruppi Familji Nsara) - 2010**

**DWAR IS-SAHĦA TA' GRUPP:**

"Grupp huwa post fejn wieħed iħossu komdu, jifraħ u japprofondixxi l-ħsibijiet tiegħu. Meta nkun qed inkellem liż-żgħażagħ, jien inħobb ngħidilhom, nagħtu każ li inti żżomm mal-Juventus. Jekk tmur ix-xogħol trid toqgħod tiddefendi ruħek minn dawk li jżommu mal-Milan u tal-Inter jagħjruk. Kemm tieħu gost jekk inti tmur il-klabb tal-Juventus fejn kulħadd ifaħħar u kulħadd jifraħ. Dan hu grupp. Fil-postijiet tax-xogħol insibu min jiġġudikana, min jipprova jwaqqana. Imma l-grupp huwa post fejn nieħu l-qawwa. Ma jimpurtax li f'postijiet oħra jkolli niddefendi; imma jrid ikolli post fejn jiena nifraħ biss."

**DWAR IL-KNISJA:**

(1) "Il-knisja ma tibdiex mill-knisja. Il-knisja tibda mill-imħabba enormi li Alla l-imbierek għandu lejn il-bnedmin kollha. Noqogħdu attenti li ma naqgħux fit-tentazzjoni tal-Lhud li ħasbu li Alla jħobb lilhom biss u lil oħrajn nesihom. Anke meta bdiet l-istorja tas-salvazzjoni, lil Abraham Alla ma qallux inti se tkun barka għall-poplu tiegħek, imma barka għall-poplu tiegħek u permezz tagħhom għall-ġnus kollha.

(2) "X'inhi l-knisja? Il-knisja hija dik li rċeviet lil Sidna Ġesu Kristu fir-riflessjoni tiegħu, fir-revelazzjoni tiegħu, fl-għemil tiegħu biex jurina f'hiex u kif inhi din l-imħabba t'Alla biex aħna ngħixuha u nitrassmettuha lil oħrajn. Aħna m'aħniex qegħdin hemmhekk biex nittrazmettu kull kwalità ta' mħabba, le, aħna qegħdin hemmhekk biex nitrzmettu l-kwalità ta' mħabba li rrivelalna Sidna Ġesu' Kristu. Qed ngħid bħala knisja, għalhekk il-komunjoni. Ġesu qalilna, bħalma qal lid-dixxipli tiegħu, minn hekk jagħarfukom li intom dixxipli tiegħi, jekk tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien. M'hemmx mod ieħor."

(3) "Il-Bniedem huwa ċ-Ċentru t'Alla: Fir-reliġjon Kristjana ċ-ċentru ta' Alla huwa l-bniedem. L-uniku reliġjon li fiha Alla l-imbierek ma baqax hemm fuq, imma ġie fostna, hija r-reliġjon Kristjana. Mela meta jgħidulna għaliex ir-reliġjon Kristjana? Mhux xorta bħal reliġjonijiet oħra. Irridu nwieġbu għaliex - għax iċ-Centru t'Alla l-imbierek huwa l-bniedem. Għaliex sar bniedem? Ma sarx bniedem għalih nnifsu imma u għalina. Għaliex ħalla li jiġi msallab? Mela jien iċ-ċentru t'Alla kif inhu ppreżentat minn Sidna Ġesu Kristu." "Il-qofol tan-nisrani hu mhux x'tagħmel barra minnek, imma x'tagħmel ġewwa fik sabiex issir il-glorja t'Alla. Biex nagħmel daqsxejn ta' paragun qisu bħal ġenituri. L-aktar li tieħu gost mhux meta ibnek jgħidlek "hawn xbin, m'hawnx bħalek int" u imbagħad jimxi fi triq oħra. Imma meta int tgħid ara Alla jbierek kemm sar jimxi fuq il-valuri li tajtu. Ara kemm nista' nidentifika lili nnifsi fih. U Alla l-istess, għax Alla huwa Missier."

**DWAR IZ_ZWIEĠ:**

"Jien inħoss li hemm tliet affarijiet diffiċli ħafna li aħna rridu nidħlu ġewwa fihom.

(1) L-ewwel waħda hija li ż-żwieġ huwa sejħa minn Alla l-Imbierek. Iż-żwieġ isir sagrament meta jien nibda nikkonsidrah u naċċettah bħala sejħa. Għaliex hija diffiċli din? Għax saċerdot ma ssibux fin-natura. Jiġifieri jekk tara saċerdot bilfors tgħid li kellu sejħa speċjali. Il-problema taż-żwieġ x'inhi? Għax anke fin-natura hemm iż-żwieġ. Allura kif ser tagħmel il-qabża biex ikun żwieġ sagrament? Li f'xi mument ta' ħajtek tgħid lil Mulej, "Mulej dan ser nagħmlu għalik, dan ser nieħdu fis-sens sabiħ tal-kelma, bħala kmand, missjoni li inti tajtni." Jekk ma nagħmilx din il-qabża, nibqa' fuq bażi naturali, m'hemm xejn ħażin, imma ma tidħolx fil-profond ta' Kristu l-Mulej.

(2) "It-tieni ħaġa hija l-kwalità ta' l-imħabba li Alla tana. Dan ser nieħdu bħala missjoni għalikom ukoll. Jiena nipprova l-affarijiet nifhimhom b'mod sempliċi. Alla l-imbierek meta kien ser jibgħat lil Ibnu, qallu "għallimhom fuq l-imħabba, kif għandhom iħobbu; "għax jekk tgħidilhom iħobbu biss, dawk ser jibdew iħobbu bil-mod uman. Iħobbu billi ma nagħmillekx deni, ma nħarisx bl-ikreh lejk... Mela jien ser nibagħtek biex mhux biss biex tgħidilhom iħobbu, imma biex Inti tgħallimhom b'liema kwalita' ta' mħabba rridhom iħobbu." Allura anke meta qed nitkellmu fuq iż-żwieġ, irridu nitkellmu li mhux inti, fejn naf jien, ikollok grazzja ma xi ħadd, u tibda dak il-ħin tħabbha. Le, jien naħseb li l-ewwel ilkoll irridu nsiru dixxipli tal-Mulej, u nħobbu bl-istess imħabba tiegħu. Imbagħad il-Mulej ġieli jibgħat saċerdot, mela jgħidlek " inti mur saċerdot," jew "sir reliġjuż." Il-parti l-kbira jgħidilhom "jien ser nafdalkom is-sagrament taż-żwieġ." Din hi l-imħabba fundamentali. U f'dak il-mument li jgħidilhom hekk, il-kwalita ta' mħabba li għandu jħobb id-dixxiplu, li jiġri biss hu li inti tagħtija lill-persuna li inti tkun ħadt bħala żewġek/ martek. Għax naħseb li hawn ideat żbaljati, qisu jien nagħżel kif inħobb, bħala sagrament ma tistax."

(3) "It-tielet, naħseb illum irridu ninsistu ħafna anke fuq ir-rispett lejn l-emanċipazzjoni tal-mara u tbegħid mill-maċiżmu tar-raġel. Allura jien sirt ngħidilhom: l-imħabba ma tistax tkun hekk. Infatti liż-żgħażagħ sirt ngħidilhom: 'meta tiżżewġu għandkom tliet kunjati, diġa' ħafna tnejn, hemm dak t'hemm fuq, għax dak hu kunjatu wkoll, għax min hemm ħdejk huwa bin jew bint Alla wkoll, u inti rċevejtu minn għandu. Xi kultant trid tħares lejh/ha u tgħid imma jien qed neħodlok ħsiebu/ ha.? Għax dak huwa rigal li Alla tak fiż-żwieġ."

## It-Triq Tiegħi – Tifkiriet tal-Imgħoddi
## Rita Aguis (Wens Group Member)

It-triq li kont noqgħod fiha fi tfuliti jisimha Triq Azzopardi. Fid-dar li konna noqogħdu fiha kien hemm il-ħares. Jiena kont rajtu l-ħares. Kien raġel ikrah. Ommi tgħid li kienet rat ras kerha. Jiena niftakar li kont qajjimt lil ommi u lil missieri għax kont bżajt ħafna. Missieri qam u mar jara iżda ma ra xejn. Fid-dar aħna kellna ħafna taraġ u kont nitilgħu sitta sitta bil-biża'.

Ommi fi tfulitha kienet toqgħod il-belt u tgħid li fid-dar kellhom il-ħares. Il-ħares kien jieħu xebh tan-nanna. Darba n-nanna kien ħallielha tliet soldi kuljum taħt it-taraġ u darba tkellmet u qabdilha l-ispiritiera. Ommi tgħid li n-nanna kienet tħalli liz-ziju fuq is-sodda u mbagħad kienet issibu taħt is-sodda tal-baby.



Fejn konna noqogħdu aħna kien hemm għajn tal-ilma. Aħna konna mmorru nixorbu minnu. Meta konna żgħar in-nies ta' triq kienu jiġġieldu kważi kuljum. It-triq imlaqqma korea street. Quddiem it-triq kien hemm għalqa. Jiena u ħuti konna nilagħbu fiha. Konna nilagħbu cat u noli, konna nilagħbu tal-borma, konna nilagħbu ukoll passju. Dejjem konna nkunu ħafjin u mhux l-ewwel darba li konna ntellgħu xi qrada f'saqajna. Konna nibżgħu ħafna minn missieri u konna noqogħdu għassa meta nkunu qed nilagħabu biex kif jixref fit-triq konna nitilgħu niġru d-dar għax ma kienx iħallina ħafna barra, l-iżjed lill- bniet. Meta konna żgħar konna ngħinu lil ommi fid-dar fil-ħasil tal-art.

## MILL-ĦBIEB TA' ĠOVANNA ANTIDA

Fil-laqgħa li kellna ta' Frar, konna numru sabiħ ta' lajċi w sorijiet. B'ħas-soltu, bdejna bit-talb u segwejna bi ftit mumenti ta' skiet.

Komplejna b'qari ta' waħda mir-regolamenti, li bihom Ġovanna Antida kienet tipprepara lin-novizzi--- dwar l-umilta', l-għejra, il-piki, il-maħfra, l-ubbidjenza, is-sens ta' qadi, u fuq kollox, l-imħabba.



Kellna magħna il-mistiedna, lil Sr Rosaria Fero'. Sr Rosaria aċċettat l-estedina tagħna, u giet tkellimna fuq il-vokazzjoni tagħha bħala soru tal-karita'. Kienet diffiċli ħafna għalijha, biex fi ftit aktar min tletin minuta, tgħamel speċi ta' rakkont tal-ħajja tagħha. Pero', Sr Fero' (taqbel din), ġabet magħha diversi noti, u bla ħela ta' ħin irrakkuntat ħajjitha.

Ngħid għalijja jien, u naħseb li l-lajċi sħabi wkoll, bqajna skantati minn kemm avventuri, safar, studju, paċenzja, tbatijiet u ubbidjenza, trid tgħaddi minnhom, soru tal-karità. U mhux hekk biss. Sa ma' l- Mulej iħalliha b'saħħita, is-soru ma' tieqafx, tibqa' għaddejja minn dil-ħajja meraviljuża.

Bilfors li din l-avventura, barra minn ħafna tbatijiet, iġġib ukoll paċi u ferħ. Lis-sorijiet dejjem narawhom b'dik it-tbissima. Infatti, waqt li kienet tirrakkonta, Sr Rosaria kellha wiċċha jixgħel bil-ferħ.

Ġesu', grazzi talli tajtna l-oppotunita' u l-grazzja li nsiru Ħbieb ta' Ġovanna Antida.

Daniel Grech

# Rokna Poeżija

### *Contemplatio*

ikun mument ewlieni li jeħodha b'idejha
man-naħal u l-fjur tal-mogħdija
fejn jista' jsibha r-riħ

tinża' isimha u kull ma kienet
u  wiċċ id-dinja jmewweġ ħiemed
bħal għalqa qamħ taħt ir-riħ

tinza' allejanzi w timbri w tabelli
ġisimha tarbija tat-twelid, jitmelles
miż-żiffa ħelwa tar-riħ

f'nifs wieħed kull tama w tifkira titneħħa
u d-duħħan  tagħhom jitrewwah
u jgħib fiż-żiffa tal-milja tal-ħajja, ir-riħ

saħansitra l-ħsieb jiċċeda, donnu
m'hemmx issa aktar bżonnu
la ġie r-riħ ta' imħabba bla qies u bla tmiem

"iva".  fil-ftuħ għall-Preżenza jibqa' biss l-għarfien
u kultant, għal ftit, l-għarfien jiċkien
jittieħed u jinħeba' fi ħdan ir-riħ...

tal-kontemplazzjoni



tony macelli

**<u>INĦOBBKOM</u>**

**Għaddejt maghkom xi sitt snin
Imma issa sarli l-ħin,
Bil-penzjoni, ħierġa z-zija,
Ħafna ħin se jkollha għalija.
Qatt ma' ħsibt, li dan il-jum,
Jasal fuqi, mhux se jdum.**

**Sibt lil Margaret, din tmexxi,
Mara sewwa, w'għad tirnexxi.
Hemm ukoll Nicky u Pauline,
Dawn it-tnejn nisa tajbin.**

**Imbagħad għandna r-Rose w l-Mary,
Ħadd ma' jista lili jmeri,
Dawn t-tnejn issibhom miegħek,
Fil-problemi kollha tiegħek**

**Carmen, Stephanie, u Maria,
Dejjem kienu hemm għalija,
Anġla w Tessie ġew resenti,
Fuqhom jien m'għandix kummenti.**

**Ta l-audio speech Lyn ukoll,
Semhom jaghtu f'dan ix-xoghol.
It-Tobba u l-konsulenti,
Dejjem jittawlu bil-lenti,
Fil-widnejn inniher, kordi.
Anki ngħinu l-min jistordi.
Fl-ENT jien kont kuntent
Ħabbejtkom jien verament
ninsikom qatt ma' jien sejjer
għax ghedtuli ħafna stejjer.**

**Shane Borg
1/12/09**

**Kull filgħodu x'ħin inqum
Mill-ewwel nara fiex se nkun
biex saċ-Ċentru Antida żgur immur**

**Jiena hemm issibni, kważi kuljum
ngħin f'xi bżonn matul il-jum**

**Fil-ħin liberu l-kompjuter nħobb nuża
u l-mużika nisma'**

**Hawn gost nieħdu qegħdin
flimkien ma' sħabi ferħanin**

**Bħalissa Live-In t'erbat ijiem qed norganizzaw
Qalulna nkunu f'żewġ gruppi biex nikkompetu
Imma żgur li ħbieb konna u mija nibqgħu minkejja dan
Iġri jasal dan il-jum għax vera nixtiequh!**

***Stefano Muscat – 16-il sena***

## PROGRAMM EDUKATTIV GĦAN-NANNIET

### Il-kummenti bil-miktub tan-nanniet waqt l-għeluq tal-Klabb





*EVALWAZZJONI ta' Klabb Nannakola Marsascala*

**Tgħallimt** :
li m'iniex waħdi; li nikkomunika aħjar mal-familja speċjalment man- neputijiet; nikkontrolla ruħi; nirrispetta l-ġenituri tan-neputijiet;nagħmel krafts; ħadt ħafna informazzjoni bżonjuża; naqsam ideat mal-oħrajn; esperjenza sabiħa ħafna.

**Kulħadd wieġeb:**
"żviluppajt ħiliet ta' dixxiplina, komunikazjoni, u kif nieħu ħsieb tiegħi nnifsi".

**Inħossni aktar konfidenti li nrabbi n-neputijiet**:
Iva, ħafna (4 persuni); Iva mhux ħażin (4)

**Ħassejtni mgħejuna**:
Iva, ħafna (8); Iva, mhux ħażin (2)

**Użajt servizz fil-komunità għall-ewwel darba**:
10 qalu 'iva'

**Kif il-Klabb NannaKola għen lill-familja tiegħi**:
Naqsam il-problemi u nieħu ħsieb aħjar tan-neputijiet ; noħrog minn dwejjaq u tensjoni għax kont imkissra bl-aġir tal-ġenturi tat-tfal ; indunajt li miexja fi triq it-tajba ; issa iżjed kalma ; nifhmu u ngħinu aktar lil xulxin ; bdejna naħdmu flimkien ; meta nħossni għajjiena nitlob l-għajnuna ; tgħallimt nimxi aħjar mat-tifel u xtaqtu ma jispiċċa qatt.

**Nixtieq li nkomplu dak li bdejna billi**:
niltaqgħu flimkien biex niddiskutu u nitkellmu biss; diskussjonijiet li jkattru l-ħbiberija ; noħorġu flimkien ; niltaqgħu aktar, b'aktar nies ; agħmlu ħarġiet kulturali ; niltaqgħu mqar kull ħmistax biex inżommu l-kuntatt ; nixtiequ jikber u jerga' jsir.

**Sirt naf bil-Klabb NannaKola minn**:
Ħabiba (2); mill-Parroċċa (6); minn oħrajn (2)





*EVALWAZZJONI ta' Klabb Nannakola B'Kara*

**Tgħallimt:**
Napprezza iżjed r-rwol li għandna n-nanniet; li m'iniex waħdi; tgħallimt ħafna speċjalment kif għandi nittratta man-neputijiet u m'uliedi b'iktar paċenzja; kif inħares u nieħu l-ħajja b'mod aktar pożittiv; naqsam ideat mal-oħrajn.

**Kulħadd wieġeb:**
"tgħallimt nieħu ħsieb tan-neputijiet b'iktar paċenżja"; "sirt ħafna konxja ta' kif nieħu ħsieb tiegħi nnifsi."

**Inħossni aktar konfidenti li nrabbi n-neputijiet**:
Iva, ħafna (10 persuni); Iva, mhux ħażin (2)

**Ħassejtni mgħejuna**:
Iva, ħafna (14); Iva, mhux ħażin (0)

**Użajt servizz fil-komunità għall-ewwel darba**:
9 qalu 'iva' u 3 qalu le

**Użajt servizz fil-komunità għall-ewwel darba biex ngħin lili nnifsi :**
7 qalu 'iva ' u 6 qalu 'le'

**Kif il-Klabb NannaKola għen lill-familja tiegħi**:
Qed inżomm ruħi aktar kalma magħhom ħalli nkun nista' nifhimhom aħjar; għamilt iktar kuraġġ u qed inħares 'il quddiem b'aktar ottimiżmu; noqgħod attenta li ma nindaħalx iżżejjed; l-imġiba tieghi versu l-familja; ersaqna iżjed lejn xulxin ; sirna aktar ferħana.

**Nixtieq li nkomplu dak li bdejna billi**:
niltaqgħu flimkien darba fix-xahar; niltaqgħu ma' oħrajn minn paroċċi oħra; nġibu iktar kelliema biex jgħallmuna; diskussjonijiet li jkattru l-ħbiberija ; niltaqgħu aktar u b'aktar nies.

**L-irġiel lesti li jkunu aktar preżenti f'dawn it-tip ta' laqgħat**:
4 qalu 'iva'
Dejjem jekk tkun ta' darba fix-xahar; ta' min jinnota li bosta huma romol.

**Sirt naf bil-Klabb NannaKola minn**:
Ħabiba (3); mill-Parroċċa (11); minn oħrajn (0)

## *EVALWAZZJONI ta' Klabb Nannakola Ħaż-Żabbar*



**Tgħallimt:**
Tgħallimt il-krafts; kif nikkomunikaw aħjar mat-tfal; ikkalmajt iktar; kif inżomm iktar dixxiplina mat-tfal; naċċessa servizzi ta' komunità; nieħu ħsieb tiegħi nnifsi.
**Kulħadd wieġeb:**
"tgħallimt niddiskuti mal-oħrajn u anke xi krafts".
**Inħossni aktar konfidenti li nrabbi n-neputijiet**:
Iva, ħafna (4); Iva mhux ħażin (3)
**Ħassejtni mgħejuna**:
Iva, ħafna (6); Iva, mhux ħażin (1)
**Użajt servizz fil-komunità għall-ewwel darba**:
6 qalu 'iva' u 1 qalet le
**Użajt servizz fil-komunità għall-ewwel darba biex ngħin lili nnifsi :**
5 qalu 'iva ' u 2 qalu 'le'
**U Kif il-Klabb NannaKola għen lill-familja tiegħi**:
Għinni nikkomunika iżjed mal-familja tiegħi; sirt iktar raġonevoli f'dak li nkun ser nagħmel għax ikkalmajt ħafna.
**Nixtieq li nkomplu dak li bdejna billi**:
inħeġġu n-nies; ngħamlu riklami għall-Klabb Nannakola billi nduru fit-toroq, fl-iskejjel jew nagħmlu xi mezz differenti; billi niltaqgħu iktar.
**Sirt naf bil-Klabb NannaKola minn** :
Ħabiba (2); Familja (4) mill-Parroċċa (3); minn oħrajn (0)



-----

**THE FRIENDSHIP GROUP**

We are including information about this group knowing that many readers might wish to pass it on to persons who might need it. The member who sent us the information wrote to us saying:

"We would be delighted to get to know any prospective members, and share our activities with them. It would be a good idea to refer to our website, http://www.friendshipgroup.net/, which is a good introduction to our communities. So, what is our group? Ours is first and foremost a Christian fellowship, and many of our activities have some spiritual element. But we also have meetings about general subjects of interest, like psychology, sexuality, money and banking, and personal development, which could be of interest to anybody. Our spiritual meetings may take the form of discussions, adoration, bible-sharing, and song/video forums. Some of these meetings we animate by projections and song. Sometimes we invite professional guest speakers to share their experience.

Apart from our weekly meetings our group also holds several activities during the weekend, which serve to get to know each other better, and to enjoy each other's company. These include walks, cultural visits, birthday parties, eating out, swimming (not during the winter), and attending concerts/performances. Our group is also associated with voluntary work, whereby we try to help others through our activities. This obviously remains a choice of the individual members. While some of the members have personally been involved in voluntary work locally or abroad, as a group some members engage in communal activities from time to time.

The Christian Service Community is one of three groups that make up the Friendship Group. It welcomes persons aged 25-40. The other two groups welcome people aged between 40-50, and from 50 onwards. The website provides information on how one can contact the Friendship Group. The founder of the Group is Fr. Joseph Orr, a Jesuit priest, who today is 94 years old.

## POLITIKA NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 2010 - 2013

Fil-jiem li għaddew, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport L-Onor. Clyde Puli nieda l-**Politika Nazzjonali taż-Żgħażagħ 2010 - 2013**. Din il-Politika tfasslet miż-żgħażagħ infushom wara proċess ta' konsultazzjoni twil u tipproponi vizjoni u qafas ħolistiku li jghin liż-żgħażagħ jilħqu il-milja tagħhom. Permezz ta' din il-Politika qed ikun determinat id-direzzjoni u l-prioritajiet fis-settur taż- żgħażagħ biex b'hekk ikunu mwettqa mill-Gvern u minn dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ. Dan kollu hu stqarrija ta' fiduċja fiż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin li kapaċi jilħqu l-milja tagħhom billi jkunu ċittadini attivi. Il-Politika Nazzjonali taż-Żgħażagħ hi politika li ma tiffokax fuq il-problemi taż- żgħażagħ iżda hi waħda li tifhem li ż- żgħażagħ huma riżorsa importanti għall-iżvilupp tas-soċjetà.

Din il-Politika ser tkun qed isservi ta' gwida għall-Aġenzija taż-ŻgħażagĦ li mistennija li titwaqqaf fix-xhur li ġejjin. Permezz ta' din l-Aġenzija l-interessi taż-Żgħażagħ Maltin u Għawdxin ser ikunu mħarsa dejjem aktar.



## DONATIONS

*Your donation is truly appreciated; it enables us to consolidate our services to vulnerable individuals and families from surrounding parishes. Cheques are to be issued to the St Jeanne Antide Foundation. Bank transfers can be made to the following bank account:*
*APS Bank – St. Jeanne Andtide Foundation – account number: 2000068188-6*

***THANK YOU! WE PROMISE TO PRAY FOR YOU AND YOUR FAMILY***

## FOUNDATION SERVICES

**1. The Antide Centre:** a drop-in centre in Tarxien open from 7.30am to 5.30 pm daily in winter time (sometimes later as well).

**2. The Social Work & Counselling Service:** includes home-visits by a nurse to home-bound lonely elderly, family-focused community outreach work and youth work.

**3. The Learning Support programme:** includes (a) a Homework Support Service for children and young persons; (B) the Bridge Programme - a basic skills training initiative for youths aged 16 to 24 including those with mild cognitive developmental delays and mental health problems; (c) non-formal learning opportunities for vulnerable adults (courses on self-esteem, basic ICT, etc). (d) Mentoring youths-at-risk.

**4. Caring for Carers Programme:** includes (a) Grandparent Education which supports parishes to start and run a NannaKola Club for grandparents who care for their grandchildren. Monthly dialogue sessions with experts take place at the Ċentru Antida. (b) support to carers of persons with mental health problems, disability and chronic ill-health; (c) Young Carers support (in the pipeline)